MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 1022/2011

**Nicholas Agius**

**vs**

**JAJ Company Limited [C-22257]**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li s-socjeta konvenuta thallsu l-ammont li ma jeccedix tlett elef erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi tal-ewro (€3494.06) mitlub mill-atturi jirraprezenta hlas ta' *notice* period, arretrati ta' paga, hlas tal-overtime, *statutory bonus*, *weekly allowance* u *vacation leave* u kwalunkwe ammont iehor talvolta dovut lill-attur mis-socjeta intimata in konessjoni mal-impjieg tal-attur, liema hlas huwa dovut lill-attur izda ma thallasx. Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-riferta a fol. 4 tal-process minn fejn jirrizulta li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bit-talba u bl-avviz tas-smiegh nhar is-7 ta' Jannar, 2012.

Ra l-verbal ta' l-10 ta' Jannar, 2012 fejn irrizulta li l-*pink card* kienet ghadha mhux inserita fil-process u ghalhekk il-kawza giet differita ghan-notifika ta' l-istess socjeta konvenuta ghat-2 ta' Frar, 2012;

Ra l-verbal tat-2 ta' Frar, 2012 fejn it-Tribunal, wara li rrileva li s-socjeta konvenuta jew rapprezentant taghha baqghu ma dehrux minkejja li l-imsemmija socjeta giet debitament notifikata bit-talba u bl-avviz tas-smiegh iddiferixxa l-kawza ghat-3 ta' Frar, 2012 ghall-provi kollha tal-partijiet.

Ra li ghas-seduta tat-3 ta' Frar, 2012 deher biss l-attur debitament assistit u s-socjeta konvenuta baqghet ma dehritx. F'din is-seduta xehed l-attur, u d-difensur tieghu, wara li ddikjarat li l-attur ma kellux aktar provi xi jressaq, talbet li din il-kawza tintbaghat ghas-sentenza. It-Tribunal laqa' t-talba.

Semgha' x-xhieda ta' l-attur u ezamina d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Il-fatti rilevanti, u li jirrizultaw mix-xhieda ta' l-attur huma s-segwenti:-

(i) L-attur kien ilu jahdem bhala *labourer* u driver mas-socjeta konvenuta ghal dawn l-ahhar erbatax (14) –il sena;

(ii) Fil-21 ta' Gunju, 2011 gie terminat l-impjieg tieghu minn mas-socjeta konvenuta (Dok. NA 1);

(iii) Mat-terminazzjoni ta’ l-impjieg tieghu, l-attur kellu jiehu minghand is-socjeta konvenuta s-somma ta’ tlett elef erba’ mija disgha u hamsin euro u tlieta u erbghin centezmu (€3,459.43) u dan f’arretrati ta’ paga, *overtime*, *bonuses*, *notice money* u kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali.

Ikkundsidra ulterjorment;

6. Fis-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal nhar it-3 ta’ Frar, 2012, l-attur xehed illi huwa kien ilu jahdem mas-socjeta’ konvenuta ghal madwar erbatax il-sena. Qal ukoll li isem is-socjeta’ konvenuta mhux dejjem kien kif qieghed indikat fl-avviz odjern l-ghaliex kien inbiddel maz-zmien. Zied jghid li huwa kien jahdem bhala *labourer* u *driver* mas-socjeta’ konvenuta.

7. L-istess attur, fix-xhieda tieghu esebixxa *investigation sheet* mahruga mill-Labour Office li tiddeskrivi l-kundizzjonijiet tax-xoghol li huwa kellu mas-socjeta’ konvenuta. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. NA1. Skont dan id-dokument, l-attur kellu jircievi s-somma ta’ elfejn erba’ mija hamsa u disghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€2,495.59c) minghand is-socjeta konvenuta. Din is-somma, skond id-dokument esebit mill-attur kienet dovuta lilu ghas-segwenti:

(a) Hlas ta’ paga bazika fl-ammont ta’ €883.34 u dan ghal perjodu mit-23 ta’ Mejju, 2011 sal-21 ta’ Gunju, 2011;

(b) Hlas ta’ *notice money* fl-ammont ta’ €963.65 u dan ghal perjodu bejn it-22 ta’ Gunju, 2011 sat-30 ta’ Awissu, 2011;

(c) Hlas ta’ *overtime* fl-ammont ta’ €135.54 u dan ghal perjodu mit-23 ta’ Mejju, 2011 u d-19 ta’ Gunju, 2011;

(d) Hlas ta’ *vacation leave* fl-ammont ta’ €331.72 u dan ghal perjodu mill-1 ta’ Jannar, 2011 sal-21 ta’ Gunju, 2011;

(e) Hlas ta’ *bonus* skond il-ligi fl-ammont ta’ €127.28 u dan ghal perjodu mill-1 ta’ Jannar, 2011 sal-21 ta’ Gunju, 2011;

(f) Hlas ta’ *weekly allowance* fl-ammont ta’ €54.06 u dan ghal perjodu 1 ta’ April, 2011 sal-21 ta’ Gunju, 2011;

8. L-attur ipprezenta wkoll dokument maghmul minnu, li gie mmarkat bhala Dok. NA 2, li fih l-istess attur indika l-bolla li ma thallsitx ghas-sitt xhur li bdew minn Jannar u spiccaw f’Gunju, 2011. Skond l-attur, l-ammont ta’ *social security contribution* ghal dan il-perjodu huwa ta’ disgha mija tlieta u sittin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€963.84). B’kollox, ikompli jghid l-attur, dawn iz-zewg ammonti llahqu s-somma ta’ tlett elef erba’ mija disgha u hamsin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€3459.43). Huwa dan l-ammont, ighid l-attur, li huwa dovut lilu mis-socjeta konvenuta.

9. Illi kif diga inghad, is-socjeta attrici baqghet ma dehritx minkejja li hija giet debitament notifikata. Lanqas ma gew ikkontestati b’xi mod l-ammonti indikati mill-attur. Oltre dan, l-istess attur ha hsieb li jmur ghand id-Dipartiment tax-Xoghol u talab minghandhom *investigation sheet* tal-hlasijiet dovuti lilu mill-kumpanija konvenuta u l-istess rapprezentant ta’ dan id-Dipartiment hadem l-ammonti dovuti lill-attur. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mill-genwinita ta’ din il-prova u qed jehodha bhala minnha.

10. L-istess haga ghar-rigward tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali fl-ammont ta’ €963.84. Mid-dokument esebit u mmarkat bhala Dok. NA2 jirrizulta li kienet tithallas bolla fl-ammont ta’ €80.32 kull erba’ gimghat u li dan l-ammont kellha thallsu suppost is-socjeta konvenuta u l-istess ammont kellu jhallsu l-attur. Ghalhekk it-Tribunal jifhem li kienet tithallas is-somma ta’ €160.64 bolla kull erba’ gimghat li jekk timmultiplika ghal sitt darbiet (sitt erba’ gimghat bejn Jannar, 2011 u Gunju, 2011) tigi s-somma mitluba ta’ €963.84. Ghalhekk, anke dan l-

ammont fil-fehma tat-Tribunal huwa dovut mis-socjeta konvenuta.

11. B'kollox ghalhekk, jekk wiehed jghodd iz-zewg ammonti hawn imsemmija u ppruvati a sodisfazzjon tat-Tribunal mill-attur jigi l-ammont ta' tlett elef erba' mija disgha u hamsin euro u tlieta u erbghin centezmi ta' euro (€3,459.43).

Ghalhekk, u anke in mankanza ta' xi opposizzjoni da parti tas-socjeta konvenuta, jirrizulta li t-talba ta' l-attur timmerita li tintlaqa.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jilqa' t-talba tal-attur, jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef erba' mija disgha u hamsin euro u tlieta u erbghin centezmi ta' euro (€3,459.43). Bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tat-talba odjerna.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------